**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA'**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 17 ta' Marzu, 1999**

**Rikors numru: 30B/96**

**Raymond Auto Dealer Limited**

**vs**

**Raymond, Francis, Carmel u Joseph ahwa Chircop**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu is-socjeta' esponenti wara li ipprometttiet illi tikri lill-intimati porzjoni mir-raba' denominat "Tan-Nemla" limit Haz-Zebbug, akkwistat b'kuntratt tal-20 ta' Mejju, 1996 (kopja annessa) versu l-qbiela komplessiv ta' hames liri Maltin (Lm5) fis-sena jithallas kull Santa Marija bil-quddiem, prossima skadenza fil-15 ta' Awissu, 1997;

Illi s-socjeta' esponenti tixtieq tirriprendi lura din il-porzjoni ghall-kostruzjoni ta' bini fuqha skond kif mahsub fl-Artikolu 4 (2) (b) tal-Kapitolu 199;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti talbet sabiex l-istess Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi jawtorizzaha tirriprendi pussess ta' din il-porzjoni minghand l-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat salv il-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens tal-benefikati lilhom spettanti skond il-ligi.

Ra ir-risposta tal-intimati a fol 15 tal-process li permezz taghha esponew perliminarjament illi ma ghandhom ebda relazzjoni mar-rikorrenti peress illi dejjem hallsu l-qbiela lill-Kurja u issa lil Joint Office u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent irid jipprova t-titolu tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-raba imsemmi fir-rikors igawdi minn risors ta' ilma u illi ghalhekk huma applikabbli ghaliha d-disposizzjonijiet relattiva ghar-raba saqwi.

Ra l-atti kollha inkluz id-digriet tad-9 ta' April, 1997 a fol 21 u 23 tal-process.

Rat il-verbali a fol 39, 40, 41 u 45 tal-process.

Ikkunsidra:

Illi il-provi principali huma s-segwenti:-

a) kopja legali ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Mario Bugeja u ippubblikat fl-20 ta' Mejju, 1996 ( a fol 3 u 25 tal-process).

b) Kopja tal-permess ta' bini u  pjanta a fol 33 u 34 tal-istess process. Fuq l-istess pjanta hemm indikata u murija l-art in kwistjoni.

c) Ir-relazzjoni tal-membri teknici ta' dan il-Bord (a fol 36 tal-process). Minn din ir-relazzjoni jista' jigi innotat u rilevat li fil-vicinanzi hemm giebja li tintela'  bix-xita izda f'raba aktar il' fuq mir-raba' in kwistjoni. In oltre gie rilevat li bejn ir-raba' fejn il-giebja u l-iehor in kwistjoni tinsab "petrol station" li tissepara iz-zewg bicciet ta' raba. Fit-territorju tal-istess "petrol station" tinsab giebja ohra. Izda gie innotat li hemm bieb li jaghti mit-territorju tal-"petrol station" ghal parti mill-ghalqa li tinsab bejn il-"petrol station" u iz-zewg partijiet ta' raba suggetti ghal zewg rikorsi ohra differenti (30B/96 u 31B/96). Fl-ahhar nett gie likwidat kumpens skond il-ligi, ta' Lm200.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi kif esposti jidher b'mod car u evidenti li l-art in kwistjoni tappartjeni lill-esponenti, li l-istess art bl-ebda mod ma tista' tigi ritenuta li hi

"raba saqwi" skond il-ligi  u li fuq l-istess art inhareg "full development permission" kif rizultanti a fol 33.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi il-Bord;

1) jawtorizza lis-socjeta' esponenti sabiex sal-15 ta' Awissu 1999 tirriprendi l-pussess tal-porzjoni mir-raba' denominat "Tan-Nemla" limiti ta' Haz Zebbug skond kif indikata bil-kelma "site" fuq il-pjanta a fol 34 tal-process, liema pjanta ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decizjoni;

2) jillikwida l-ammont dovut u pagabbli mill-istess socjeta' esponenti lill-intimat fis-somma ta' Lm200.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat